MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-30 ta' April, 2010

Talba Numru. 556/2008

**Executive Services Limited (C6533)**

**Vs**

**Alfred Martin ezercenti l-kummerc bl-isem**
**Nefertari Beauty and Slimming Clinic**

**It-Tribunal,**

Ra l-**Avviz** fl-ismijiet premessi, ipprezentat fil-15 ta’ Lulju 2008, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ erba` mija u sebgha u sebghin Euro u hamsin centezmu (€477.50), liema somma tirrapprezenta servizzi in konnessjoni ma’ ‘*advertising*’ inkluz VAT bit-18%, oltre l-imghax bit-8% mid-data ta’ l-invoice mibghuta lill-konvenut; illi d-ditta konvenuta giet debitament interpellata thallas dan l-ammont izda baqghet inadempjenti; illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali minn meta gew rezi s-

servizzi kontra d-ditta konvenuta li tibqa` minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-**Risposta** tal-konvenut ipprezentata fid-29 ta' Ottubru 2008 fejn eccepixxa illi in linea preliminari l-konvenut ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` attrici; illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-ammont pretiz mhux dovut; salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Sema` x-xhieda ta' **Joanne Seguna** li waqt is-seduta tal-20 ta' Jannar 2008 xehdet illi hija *credit controller* mas-socjeta` attrici u tispjega illi Dolores Dimbleby kienet avvicinat lill-konvenut u kien intlahaq ftehim bejniethom dwar ir-riklam illi kellu jaghmel il-konvenut fit-Tune In Magazine li kellu jkun *half page* advert u f'pagna separata kellu jkun hemm imbaghad inkluzjoni tal-website tal-konvenut. L-advert kellu l-prezz ta' €465.88 u kien hemm ukoll *art work changes* ta' €11.62. Tghid li meta kienet cemplet lill-konvenut biex jeffetwa l-hlas kien irrimarkala illi kellu problema bil-website u tesebixxi kopja tal-magazine Dok JS1. Tghid li l-problema li kien ressqilha l-konvenut kienet illi hu ma xtaqx li tigi ppubblikata f'nofs il-pagna imma xtaqha bhala strippa shiha fit-tarf tal-pagna. Minhabba f'hekk il-konvenut ma kien hallas xejn mill-kont pendenti. Tghid li n-negozjati saru ma' Alfred Martin stess u ma jidhriliex illi n-negozju jigi gestit minn haddiehor ghajr Alfred Martin. Tghid li l-invoice hija mahruga ma' Alfred's General Trading Limited.

Mistoqsija in kontro-ezami jekk l-invoices baqghux johorgu fuq Alfred's General Trading tghid li fuq l-invoices l-ewwel ma jidhru huwa Nefertari imbaghad wara jidher l-isem tal-kumpanija. Tghid li l-invoices li kienu jintbaghtu kienu qed jigu lura b'xi kummenti fuqhom.

Sema` x-xhieda ta' **Alfred Martin** waqt l-istess seduta li kkonferma li ma hemmx relazzjoni civili bejnu u s-socjeta` attrici. Jghid li hu jopera bl-isem ta' Alfred's General Trading Limited li hija debitament registrata. Jghid li jekk

hemm xi ammont dovut dan ghandha ttih il-kumpanija u mhux huwa.

Sema` wkoll ix-xhieda ta' **Joanne Seguna** li waqt is-seduta tat-2 ta' Marzu 2009 xehdet illi meta Dolores Dimbleby ittrattat mal-konvenut, dan ghamlitu fil-hanut Nefertari ma' Alfred Martin u sa dakinhar ma kienux jafu li tezisti l-kumpanija Alfred's General Trading Limited.

Tghid ukoll illi kienet kitbet zewg ittri lil Alfred Martin u qatt ma kellhom risposta li hu kien qed jagixxi ghan-nom ta' kumpanija.

Mistoqsija in kontro-ezami kif tispjega li l-invoices bdew johorgu fl-isem tal-kumpanija, tghid li mbaghad saru membri ta' Credit Agency MACM u saru jafu li Alfred Martin kien jopera bhala kumpanija. Tghid li l-ispot kien free ghaliex l-prezz kien ghal *half page*. Tghid ukoll li ma tafx li kellhom isiru tlett riklami. Tghid li ma hemm xejn bil-miktub in rigward tal-konkluzjoni tal-ftehim li sar bejn il-principal taghha u l-konvenut anki ghaliex ma kinitx l-ewwel darba li kienu hadmu flimkien u qatt ma qamet il-problema li l-konvenut jiggestixxi kumpanija biex imexxi l-hanut.

Sema` x-xhieda ta' **Dolores Dimbleby** li waqt is-seduta tad-19 ta' Mejju 2009 xehdet illi hi kienet ghamlet ftehim mal-konvenut li man-nofs pagna advert kienet ser taghtih bicca ohra fejn hu jkun jista` jaghmel il-website. Tiftakar illi l-konvenut kienet talabha titpogga f'posizzjoni iktar prominenti fil-magazine u hi kienet qaltlu "nara x'nista` naghmel." Tghid li meta dahlet l-ufficcju u kellmet lid-designer din avzatha illi tista` taghmel dak li talab il-klijent pero` f'design iehor u peress illi kien spazju b'xejn huma kellhom dritt jaghmlu l-arrangamenti fid-diskrezzjoni taghhom. Tghid li ghalhekk lill-konvenut ma qaltlu xejn.

In kontro-ezami suggerit lilha li l-konvenut ried il-website fl-istess pagna tghid li anzi riedha f'pagna differenti.

In ri-ezami tghid li qatt ma kienet konxja li kienet qed taghmel ftehim ma' kumpanija ghax dejjem tkellmet mas-Sur Martin.

In kontro-ezami tghid ukoll illi hi ma kienitx talbitu VAT number ghaliex il-konvenut kien diga` hadem ghandhom darb'ohra u kien hadem fuq isem il-hanut.

Sema` x-xhieda tal-konvenut **Alfred Martin** li waqt is-seduta tat-28 ta' Settembru 2009 xehed illi Nefertari Beauty and Slimming Clinic huwa gestit mis-socjeta` Alfred General Trading Limited u jesebixxi kopja tal-Memo u l-Articles (Dok AM1). Jghid li hu u l-mara tieghu huma diretturi. Jesebixxi wkoll Dok AM2 li hija kopja tal-VAT Registration certificate. Jghid illi hu ried il-website biss izda s-salesperson qaltlu li website wahdu ma jtuhx allura kien intlahaq ftehim li jaghmel riklam b'dan pero` illi meta ddawwar il-pagna jkun hemm il-website. Jghid li ftehmu li dan ir-riklam kellu jsir tliet darbiet u kien deher fl-ewwel harga biss. Jghid li kien cempel lis-socjeta` attrici u talab spjegazzjoni u sabiex jergghu jippubblikawh izda r-risposta kienet le ghaliex huma kienu ghamlu r-riklam fejn sabu post. Jghid li mbaghad waqqaf ir-reklami tieghu fiz-zewg hargiet ta' wara ghaliex ghalih l-iktar haga mportanti kienet il-website. Jghid ukoll li kien hu li baghtilhom l-*artwork* tar-reklam u wkoll illi l-invoices dejjem hargu fuq il-kumpanija.

Illi in kontro-ezami jichad illi dejjem ircieva l-invoices bhala Nefertari Beauty and Slimming Clinic izda ma jeskludiex illi jircievi invoices Nefertari AGT Limited. Jghid ukoll illi l-ittra a fol 16 tal-process qatt ma rcieviha. Jghid li pero` kien irrisponda permezz tal-avukat tieghu ghall-ittra tal-Avukat Galea Debono. Mistoqsi ghaliex ma ndikax li kien qed jidher bhala kumpanija jghid li kien halla f'idejn l-Avukat tieghu. Jghid li ma jaqbilx li l-kumpanija tieghu beda juzaha wara l-2007. Jikkonferma wkoll illi tax-xoghol li hemm fil-magazine huwa ma hallasx xejn.

Sema x-xhieda kollha prodotti u ha konjizzjoni tax-xhieda kollha prodotti.

Sema` t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet u ra illi l-kawza thalliet ghall-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi qabel xejn dan it-Tribunal ghandu jissindika u jiddeciedi dwar l-eccezzjoni preliminari li nghatat – ossia jekk il-konvenut ghandux relazzjoni giuridika mas-socjeta` attrici.

Jigi qabel xejn osservat illi s-socjeta` attrici ma talbitx kjamat in kawza tas-socjeta` Alfred's General Trading Limited u baqghet issostni l-posizzjoni taghha illi hija korretta illi tistitwixxi proceduri kontra Alfred Martin personalment.

It-Tribunal evalwa kemm dak li xehdu l-partijiet u xhieda ohra prodotti, imma ukoll d-dokumenti esebiti.

Minn DOK JS1 a fol 15 tal-process, jirrizulta illi s-socjeta` attrici kienet tindirizza lill-konvenut personalment, u din hija ittra ta' Lulju 2007. L-istess kien sar qabel permezz ta' ittra tal-4 ta' Dicembru 2006 (DOK JS2 a fol 16).

B'dana kollu aktar qrib il-bidu ta' dawn il-proceduri, kienu qed jintbaghtu statements (vide DOK JS3 u DOK JS 4) li kienu qeghdin jigu indirizzati lis-socjeta` Alfred's General Trading Limited.

Ghar-ragunijiet msemmija fix-xhieda tar-rappresentant tas-socjeta` attrici, ma jirrizultax illi hemm xi 'order form' jew dokumentazzjoni ohra illi tindika jekk il-konvenut ordnax is-servizz tas-socjeta` attrici f'ismhu proprju jew f'isem il-kumpannija kummercjali tieghu.

B'dana kollu, a bazi tal-fatt illi s-socjeta` attrici baghtet invoices f'isem il-kumpannija qabel il-ftuh tal-kawza, u dan ukoll maghdud mad-dokumenti AM1 u AM 2 a fol 37 u 38 tal-process, li juri car illi l-konvenut jiggestixxi n-negozju tieghu taht l-isem tal-kumpannija kummercjali tieghu, it-Tribunal isib il-versjoni tal-konvenut aktar verosimili u jikkonkludi illi t-transazzjoni saret bejn is-socjeta` attrici u l-kumpannija kummercajli Alfred's General Trading

Limited aktar milli mal-konvenut f'ismhu proprju. Fuq kollox, l-istess Joanne Seguna, *credit controller* tas-socjeta` attrici ikkonfermat illi "*saru jafu li Alfred Martin kien jopera bhala kumpanija*" – u dan qabel ma gew intavolati l-proceduri. Nonostante dan kollu, il-proceduri gew intavolati kontra l-konvenut kif jirrizulta mill-atti.

**GHALDAQSTANT** u ghar-ragunijiet hawn fuq indikati, it-Tribunal, wara li evalwa l-provi kollha mressqa, xhiedha u dokumenti, jaqta` u jiddeciedi billi jilqa l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u konsegwentament jichad it-talba attrici fil-konfront tal-istess konvenut.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------